**QORTI CIVILI**
**PRIM’AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta’ Gunju, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 845/2017 AF**

**Triva Shipping Company Limited (C-39275)**

**vs**

**Direttur Generali (Dwana) u Kummissarju tat-Taxxi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-socjetà attrici Triva Shipping Company Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-kumpanija rikorrenti hija s-sid ta’ 4150 litru duty free marine gasoil u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza li gie maqbud mill-intimati.

Dan il-gasoil kien jinsab abbord il-bastiment MBM Xlokk, proprjetà tal-kumpanija Marine Fuels and Supplies Limited [C-75501] u dan il-bastiment kien jinsab sorgut mal-moll hekk imsejha tad-tinda tal-patata, il-Marsa.

Fis-27 ta' Gunju 2017 ufficcjali tad-Dwana sabu lil terza persuna, Marco Mallia, ihott fuel minn fuq l-imsemmi bastiment ghal fuq bowser b'numru BBI 171. Dan Marco Mallia stqarr li ma kienx qieghed ihott fuel izda kien semplicement qieghed jaghmel xogholijiet biex jikkalibra l-meter tal-bowser. Jirrizulta inoltre li meta l-ufficjali tad-Dwana ittestjaw il-kwantitajiet li f'dak il-mument kienu gewwa il-bowser u fuq il-vapur sabu li dawn il-kwantitajiet kienu qablu perfettament ma dak li suppost kien hemm fuq il-bastiment. Din l-operazzjoni saret ad insaputa tas-sidien tal-bastiment u dan kif ser jigi ppruvat tul is-smigh tal-kawza.

Minkejja illi l-fuel in kwistjoni huwa proprjetà tar-rikorrent, permezz ta' Nota ta' Qbid numru 167/2017 illi nharget kontra Marco Mallia, (kopja ta' liema hi hawn anness mmarkata dokument 'B') l-intimat ghadda ghall-qbid ta' 4150 litru duty free marine gasoil.

Dan il-gasoil mhuwiex il-proprjetà ta' Marco Mallia izda tal-kumpanija rikorrenti.

L-esponenti qatt ma tat ebda awtorizzazzjoni sabiex iz-zejt in kwistjoni jitnizzel mill-bastiment minghajr ma jigu segwiti l-proceduri appositi u/jew jingabu l-awtorizzazzjonijiet mehtiega skond il-ligi.

In-nota ta' qbid premessa inharget mill-intimat illegalment, b'mod arbitrarju u minghajr gustifikazzjoni u li ghaldaqstant mhux gustifikat li l-oggett in kwistjoni jibqa' maqbud.

L-esponent kienet aggravata bil-hrug tas-*seizure note* imsemmija u ghaddiet ghalhekk biex titlob ir-rilaxx tal-oggett maqbud permezz ta' talba bil-miktub skond il-ligi. Jinghad ghall-kompletezza li din it-talba saret permezz ta' ittra ufficcjali u anke b'ittra bonarja li kienet giet ikkonsenjata lil rapprezentanti tal-kummissarju intimat.

Minkejja dan l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghandu jinghad ukoll li l-intimati wara li effettivament taw ordni sabiex l-oggett ma jitmissux damu aktar minn hamsin gurnata biex johorgu *seizure note* u ghalhekk zammew l-oggett in kwistjoni maqbud illegalment.

Id-detenzjoni tal-gasoil kemm qabel kif ukoll wara l-hrug tas-*seizure note* ikkawza u qieghed ikompli jikkawza danni ngenti lill-esponent konsistenti fi spejjez mehtiega ghall-konservazzjoni tal-oggett kif ukoll f'telf ta' qligh u l-esponent tirriserva minn issa kull azzjoni lilha spettanti skond il-ligi ghad-danni jew ghal kull kumpens mod iehor.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li n-nota ta' qbid numru 167/2017 inharget illegalment, b'mod arbitrarju u/jew minghajr gustifikazzjoni u li ghaldaqstant mhux gustifikat li tibqa' fis-sehh u konsegwentement tordna r-revoka tan-nota ta' qbid imsemmija.

2. Tordna lill-intimat jirrilaxxa l-oggett imsemmi fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat senjatament, izda mhux biss, ghad-danni kollha li r-rikorrent sofra u ghad jista' jsofri kagun l-agir illegali tal-intimat, u dana salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Direttur Generali (Dwana) u tal-Kummissarju tat-Taxxi, li permezz tagħha eċċepew illi:

In linea preliminari, l-esponenti jirrilevaw li l-Kummissarju tat-Taxxi mhux il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Fis-27 ta' Gunju, 2017 l-ufficcjali tad-Dwana fi hdan is-Sezzjoni tal-Infurzar ghamlu spezzjoni fiz-zona maghrufa bhala New Port fil-Marsa fejn irrizulta li kien qed jinhatt ammont sostanzjali ta' *marine gasoil* sdazjat minn fuq il-*fuel barge MBM Xlokk* illegalment ghal fuq l-art ghal go *bowse*r bin-numru ta' registrazzjoni BBI 171.

Mill-investigazzjonijiet relattivi irrizulta li l-istess *gasoil* li nstab fl-imsemmi *bowser* kien qed jinhatt bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 382.

Peress li sar caqliq klandestin ta' *gasoil* li hu prodott soggett ghad-dazju tas-SISA, liema caqliq sar bi ksur tal-provvedimenti doganali ai termini tal-Artikoli 60(a)(c)(d)(k), u 68(1) tal-Kap. 37 (l-Ordinanza tad-Dwana) u tal-Artikolu 17(1)(a)(b)(d) kif tal-Kap. 382 (Att dwar id-Dazju tas-SISA), l-esponent qabad l-imsemmi *marine gasoil* sdazjat fl-ammont ta' (4150) erbat elef, mija u hamsin litru minhabba l-pussess illegali tal-istess *gasoil*; liema raguni *del resto* hija specifikata fin-Nota ta' Qbid li ggib in-numru ta' referenza 167/2017.

Il-kumpannija rikorrenti intavolat l-azzjoni odjerna sabiex tikkontesta l-qbid tal-imsemmi *marine gasoil* sdazjat li rrizulta wara verifiki rigward attività suspettuza li kienet osservata mill-ufficcjali tad-Dwana.  Ghalhekk, in segwitu tal-verifiki li saru dak in-nhar fis-27 ta' Gunju, 2017, gie mizmum il-*gasoil* in kwistjoni ghal iktar investigazzjonijiet u sussegwentement inqabad permezz tan-Nota ta' Qbid bin-numru ta' referenza 167/2017.

Il-lanjanzi tal-kumpannija rikorrenti huma insostenibbli ukoll, peress li dawn il-proceduri huma unikament konsegwenza ta' agir illegali li, li kieku ma giex skopert kien jirrizulta f'telf ta' erarju pubbliku bi pregudizzju ghal negozjanti onesti f'dan in-negozju u nuqqas ta' kontroll ta' kif u fejn kien se jintuza dan il-*gasoil* marittimu, b'dannu ekologiku li jirrizulta mill-uzu illegali tieghu fuq l-art.  Ghalhekk, l-argumenti tar-rikorrenti fis-sens li

n-Nota ta’ Qbid relattiva ghall-istess *gasoil* inharget b’mod abbuziv u minghajr gustifikazzjoni legali ma jregux.

Ghar-ragunijiet fuq esposti ghandu jirrizulta li l-esponent ottempera ruhu mal-ligi u ghalhekk l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tal-kumpannija rikorrenti li l-imsemmi *gasoil* ma kellux jigi maqbud permezz tan-Nota ta’ Qbid rispettiva li qed tigi kontestata permezz tal-azzjoni odjerna ma jregux. Inoltre, l-esponent jirribatti li ma jistax jigi mizmum responsabbli ghal xi danni kif jipprovdi fl-Artikolu 17(4) tal-Kap. 382 ladarba agixxa b’mod car *entro* il-parametri tal-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tal-kumpannija rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta’ Jannar 2018, fil-kawża fl-ismijiet Marine Fuels and Supplies Limited et pro et noe vs Direttur Generali (Dwana) et, din il-Qorti kif presjeduta laqgħet it-talba tal-intimati għall-konnessjoni taż-żewġ kawżi.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta’ Far 2018, il-Qorti ordnat illi l-provi li jsiru fl-imsemmija kawża Marine Fuels and Supplies Limited et pro et noe vs Direttur Generali (Dwana) et jgħoddu wkoll għal din il-kawża u vice versa.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża a tenur tal-artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex jiġu rilaxxati oġġetti maqbuda permezz tal-istess Ordinanza. L-attriċi qiegħda tattakka n-nota ta’ qbid bin-numru 167/2017, tas-17 ta’ Awwissu 2017, maħruġa mill-intimat fuq 4150 litru karburant sdazjat.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi hija sid ta' 4150 litru karburant ossia *marine gasoil* sdazjat. Dan il-karburant huwa s-soġġett tan-nota ta' qbid bin-numru 167/2017 maħruġa mid-Direttur Ġenerali intimat fis-17 ta' Awwissu 2017 wara li fis-27 ta' Ġunju 2017, għall-ħabta tat-8:00 ta' fil-għaxija, ufficcjali tad-Dwana sabu lil ċertu Marco Mallia jiżbarka l-karburant, sdazjat minn fuq il-bastiment MBM Xlokk, proprjetà ta' Marine Fuels and Supplies Limited li hija wkoll rappreżentata minn Marcus Tonna, għal fuq *road tanker*, aħjar magħruf bħala bowser, reġistrat f'isem l-istess Marco Mallia. Marcus Tonna jikkontendi li Mallia kien qiegħed jagħmel din il-biċċa xogħol sabiex jivverifika li l-meter tal-imsemmi bowser, li kien ser jibda jintuża fil-ġarr tal-karburant, kien ikkalibrat. Jirriżulta li Mallia kien anke tefa' dan il-karburant sdazjat fil-*fuel tank* li jħaddem il-magna tal-bowser għaliex skont hu, it-tank kien vojt u l-bowser ma setax iħaddmu. Peress illi l-bowser ma kellux il-permessi neċessarji sabiex jintuża bħala maħżen tat-taxxa, u allura ma seta' jinżamm l-ebda karburant sdazjat fih, kif ukoll għaliex ma kienux infurmati l-ufficcjali tad-Dwana li ser jiġi żbarkat il-karburant, kemm il-karburant u kif ukoll il-bastiment in kwistjoni ġew konfiskati skont il-provvedimenti tal-Ordinanza tad-Dwana.

Meta l-ufficcjali tad-Dwana għamlu l-verifiki tagħhom, sabu li l-kwantità ta' karburant fit-tankijiet tal-bowser u dak li kien għadu miżmum fuq il-bastiment flimkien kienu jikkorrispondu ma kemm suppost kien hemm karburant sdazjat fuq il-bastiment biss.

Fin-nota ta' qbid mertu tal-kawża hemm miktub illi r-raġuni wara l-konfiska hija:

> "*Pussess illegali ta' marine gasoil bla dazju fis-27 ta' Ġunju 2017 ġewwa l-Marsa.*
>
> *Bi ksur tal-Artiklu 60(a) (c) (d) (k) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 u kif ukoll tal-Artiklu 17(1)(a) (b) (d) tal-Att Dwar Dazju tas-Sisa, Kap 382, tal-Liġijiet ta' Malta*."

In linea preliminari, l-intimati jeċċepixxu li l-intimat Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-

talbiet attriċi. L-ewwel sub-inċiż tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 huwa ċar, '*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.*' Fil-każ tal-lum dan huwa d-Direttur Ġenerali (Dwana). Il-Kummissarju tat-Taxxi ma kellu x'jaqsam xejn mal-konfiska mertu tal-kawża. Din l-eċċezzjoni sejra għalhekk tintlaqa' u l-intimat Kummissarju tat-Taxxi għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina d-disposizzjonijiet tal-liġi rilevanti għal din il-vertenza. L-artikolu 60(1)(a), (c) u (k) tal-Kap. 37 jaqra hekk:

*"Bla ħsara ta' dak li jingħad espressament f'liġijiet oħra-*

*(a) Jekk oġġetti suġġetti għal ħlas ta' dazju jiġu żbarkati minn bastiment f'Malta, mingħajr ma jkun ġie qabel imħallas jew ikkawtelat id-dazju; jew*

*(c) Jekk oġġetti jiġu meħuda minn fuq bastiment, moll, bankina jew lok ieħor f'Malta qabel ma jiġu eżaminati mill-uffiċjal inkarigat tad-dwana jew, jekk oġġetti iddikjarati sabiex jiġu mdaħħla fid-depożt, jinġarru għad-depożt mhux taħt is-sorveljanza jew bl-awtorizzazzjoni ta' dan l-uffiċjal u mhux b'dak il-mod, u minn dawk it-triqat jew naħiet, u f'dak iż-żmien li huwa jordna; jew*

*(k) Jekk oġġetti jkunu mportati minn xi persuna li tkun xjentement imdaħħla f'xi evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni frawdolenti ta' xi dazji tad-dwana, jew tal-liġijiet u restrizzjonijiet ta' dwana, dwar l-importazzjoni, ħatt, trasbord, żbark u kunsinna ta' oġġetti jew b'kull mod ieħor li jmur kontra din l-Ordinanza,*

*f'kull każ bħal dan, l-oġġetti hawn fuq imsemmija għandhom jiġu kkonfiskati, flimkien ma':*

*(i) l-oġġetti l-oħra kollha li jkunu jiffurmaw magħhom oġġett sħiħ, anke jekk b' xi mod ikunu separabbli jew jistgħu jinqalgħu jew jinfirdu; u*

*(ii) l-oġġetti l-oħra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati magħhom; u*

*(iii) l-oġġetti l-oħra kollha li jkunu ġew użati biex jaħbuhom."*

Dwar il-piż tal-prova f'kawża ta' din ix-xorta, skont l-artikolu 77 tal-Kap. 37:

*"Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti, maqbuda minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju, jew għal raġuni oħra li ġġib magħha l-konfiska, inkella fi proċedimenti għall-ġbir ta' xi piena ta' flus jew xort'oħra skont din l-Ordinanza tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oġġetti kienx ġie mħallas, jew jekk dawk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi, jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oġġetti, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet il-prova tiegħu tmiss lill-persuna li tagħmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tiegħu jsir dak il-proċediment, skont il-każ."*

Rilevanti wkoll huwa l-artikolu 17(1)(a), (b) u (d) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382):

*"Jekk oġġetti dazjabbli –*

*(a) Jiġu depożitati jew jinħbew f'xi post bil-għan li ssir frodi kontra l-Gvern għar-rigward tad-dazju tas-sisa li għandu jinġabar bis-saħħa ta' dan l-Att; jew*

*(b) tneħħew b'mod klandestin jew mhux leġittimu minn jew 'il barra minn xi maħżen tas-sisa jew xi post fiż-żgur li fihom dawk l-oġġetti dazjabbli jkunu ġew debitament depożitati; jew*

*(d) ddaħħlu Malta u ssir evażjoni mill-ħlas tad-dazju tas-sisa, jew isir attentat biex issir dik l-evazjoni*

*F'kull każ bħal dan, dawk l-oġġetti dazjabbli jiġu konfiskati, flimkien mal-oġġetti l-oħra kollha li jkunu jinsabu ppakjati magħhom, jew li jkunu ġew użati biex jaħbuhom, u min*

*jagħmel ir-reat jeħel iktar minn hekk il-pieni stabbiliti fl-artikolu 16."*

Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għall-artikolu 3 tar-Regolamenti dwar l-Awtorizzazzjoni ta' Bunkering (Leġislazzjoni Sussidjarja 545.25) fejn huwa stipulat (Regolament 3) li t-tagħbija, ħatt u trasferiment ta' karburanti bejn tanker fit-triq u bastiment li jkun jirċievi l-karburanti jeħtieġu l-awtorizzazzjoni tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma. Din l-awtorizzazzjoni l-attriċi ma kellhiex dakinhar tal-inċident.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet Priscilla Cassar et vs Il-Kontrollur tad-Dwana et, tad-29 ta' Jannar 2010, id-dmir tal-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi mhuwiex li tiddikjara valida jew nulla n-nota ta' qbid in kwistjoni, '*iżda li teżamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid u għalhekk jekk il-qbid tal-oġġetti relattivi kienx legalment ġustifikat.*'

L-attriċi tinsisti li n-nota ta' qbid maħruġa mill-intimat hija illegali, arbitrarja u ma kienitx ġustifikata. Madanakollu, il-Qorti, wara fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti kif ukoll il-liġijiet doganali u ġurisprudenza applikabbli, qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-intimat aġixxa skont il-liġi meta ordna l-konfiska tal-bastiment mertu tal-kawża.

Il-liġi hija ċara u ma tħallix lok għall-interpretazzjoni. Fuq ammissjoni ta' Marco Mallia stess, jirriżulta li dakinhar tal-inċident kien qiegħed jiżbarka karburant sdazjat minn fuq il-bastiment għat-tank tal-bowser meta dan tal-aħħar m'għandux permess ta' maħżen tat-taxxa. Dan ma setax jagħmlu mingħajr awtorizzazzjoni tal-uffiċjali tad-Dwana, anke jekk dak li kien qiegħed jagħmel kien biss biex jivverifika jekk il-meter hux ikkalibrat. Mhux hekk biss, iżda bi ksur lampanti tal-liġi, huwa tefa' ammont sostanzjali ta' karburant fit-tank li jħaddem il-magna tal-bowser, meta kien jaf illi dan il-karburant ma setax jintuża biex iħaddem magna ta' vettura li ser tinstaq fit-triq.

Fil-fatt, Carmel Attard, Kap Spettur fit-Taqsima tal-Infurzar fid-Dipartiment tad-Dwana spjega li sabiex jinħatt *gasoil* sdazjat

minn fuq mezz ta' ġarr għal fuq ieħor, irid jingħata avviż lil *Fuel Section* tad-Dwana sabiex dan il-proċess isir taħt is-supervizjoni tagħhom. Ix-xhud jispjega wkoll li l-*gasoil* sdazjat mertu tal-każ huwa intenzjonat sabiex jiġi maħruq minn inġenji ta' bastimenti, għaliex huwa għall-użu marittimu biss, peress li għandu livelli għola ta' kubrit minn dak li jinbiegħ bid-dazju imħallas għal-vetturi fit-triq. Ikompli billi jgħid li meta *gasoil* marittimu jinħaraq fit-triq, dan ikun qed isir b'dannu għas-saħħa pubblika u ambjentali.

Is-soċjetà attriċi għandha awtorizzazzjoni mingħand ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għat-tagħbija, ħatt u trasferiment ta' karburanti bejn tanker fit-triq u bastiment li jkun jirċievi l-karburanti. Il-perjodu ta' validità ta' din il-liċenzja huwa mit-12 ta' Lulju 2017 sal 11 ta' Lulju 2027. Dan ifisser li meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża, l-attriċi ma kellhiex l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex tħott il-karburant minn fuq il-bastiment għall-bowser. B'żieda ma dan kollu, fost il-kundizzjonijiet tal-liċenzja wieħed isib stipulat ċar u tond illi d-detentur huwa dejjem obbligat jimxi mal-liġijiet u/jew regolamenti kollha fis-seħħ u allura xorta waħda kien meħtieġ illi jiġu avzati l-uffiċjali tad-Dwana sabiex jissorveljaw l-operazzjoni, naturalment bl-għan li jipproteġu l-erarju pubbliku. Mhux kontestat illi l-uffiċjali tad-Dwana ma ġewx notifikati dwar x'kien ser isir.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-konfiska tal-oġġetti hija mandatorja u l-intimat m'għandux diskrezzjoni jikkonfiskax jew le l-oġġetti in kwistjoni fejn iseħħ ksur tal-liġi doganali.

Għandu jingħad ukoll li ladarba l-konfiska hija proċedura *in rem*, il-fatt jekk is-sid kienx jaf jew le ma jaffettwax l-istess konfiska, u jekk l-oġġett konfiskat ikun jinstab li jkun bi ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza tad-Dwana, l-intimat għandu s-setgħa li jikkonfiskaha (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar, 2003, fil-kawża fl-ismijiet Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana). Iżda f'kull każ, il-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni attriċi la hija verosimili u lanqas kredibbli. Li kieku Marco Mallia ma kellux x'jaħbi, l-operazzjoni ta' hatt ma kienx jagħmilha filgħaxija u lanqas ma kien se jitfa mitt litru karburant

fit-tank tal-magna tal-bowser, ladarba jammetti li kien jaf li dan il-karburant ma jistax jintuża fuq l-art.

Lanqas ma hija kredibbli l-asserzjoni ta' Marcus Tonna li huwa ma kienx jaf li Marco Mallia, li kien għadu mhuwiex impjegat mal-kumpanniji attriċi, kien sejjer dakinhar stess jiżbarka l-karburant minn fuq il-bastiment. L-argument li xi impjegat mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma kien qallu li l-liċenzja għat-tagħbija, ħatt u trasferiment ta' karburanti bejn tanker fit-triq u bastiment li jkun jirċievi l-karburanti kienet ġiet approvata dakinhar xejn ma jiswa. L-ewwel u qabel kollox, prova ta' din il-komunikazzjoni huwa ma ressaqx, u d-dokumenti fl-atti juru li din il-liċenzja fil-fatt ħarġet ġimgħatejn wara l-inċident mertu tal-kawża. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ argumenti huma wkoll kontradittorji għaliex jew ma kienx jaf li Mallia sejjer jiżbarka l-karburant dakinhar, jew, skont hu, setgħet issir il-biċċa xogħol għax qalulu li l-liċenzja kienet approvata. Iżda mhux hekk biss, imma kif rajna, din il-liċenzja ma kienitx biżżejjed għax ma ġewx infurmati l-uffiċjali tad-Dwana li kien ser jiġi żbarkat il-karburant sdazjat. Evidentement, Tonna, li l-operazzjonijiet kummerċjali tiegħu jikkonsistu prinċipalment f'operazzjonijiet ta' *bunkering*, kien jaf illi ma setax jiżbarka l-karburant mingħajr ma jagħti avviż lill-uffiċjali tad-Dwana u mhuwiex verosimili li ma tax struzzjonijiet ċari lil Marco Mallia dwar x'għandu u m'għandux jagħmel bil-karburant sdazjat.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tillibera lill-Kummissarju tat-Taxxi mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.

IMHALLEF

DEP/REG